# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(AĠENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 407/11/1 MCH**

**Adrian Vella Petroni u martu Lilian Vella Petroni**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc (C – 3177), Gaetano Savery u Richline Savery Testa**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Frar, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal dikjarazzjoni li l-Bank imħarrek ma setax jieħu b'tiegħu u bi ħlas bi tpaċija flus f'kont bankarju

differenti minn dak li l-atturi kienu rahnu mal-istess Bank bħala garanzija għall-għoti ta' faċilita` bankarja maħruġa favur l-imħarrkin l-oħrajn Savery u Savery Testa meta r-rahan kien fuq kont bankarju ieħor, u safejn talbu li r-rahan imsemmi ma jiswiex għaliex miksub b'qerq min-naħa tal-imsemmija mħarrkin u għaliex kien imsejjes fuq kawża falza, imma laqgħet it-talba tal-atturi safejn sabet li, minkejja li r-rahan kien jiswa, il-Bank imħarrek ma kellux jedd jieħu b'tiegħu l-fondi fil-kont bankarju mirhun bla ma jwettaq il-proċedura maħsuba mill-Artikolu 1973 tal-Kodiċi Ċivili. Dik il-Qorti ordnat li l-atturi jħallsu tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) tal-ispejjeż u l-Bank imħarrek il-kwart ($^{1}/_{4}$) l-ieħor, filwaqt li l-imħarrkin Savery jħallsu l-ispejjeż tagħhom;

2. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ġabret fil-qosor il-fatti li huma l-qafas tal-kwestjonijiet legali li qamu bejn il-partijiet u għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> "*F'din il-kawza l-atturi qed jippruvaw ixejnu l-azzjoni tal-bank HSBC meta l-istess bank approprija somma flus mill-kont bankarju tal-atturi bi tpacija ghal rahan li l-istess atturi ghamlu mal-bank ghal hlas ta' debitu tal-konvenuti Savery liema debitu ma thallasx. L-atturi qed jibbazaw il-pretensjoni taghhom fuq l-allegazzjoni illi (1) il-kunsens taghhom ghal tali kuntratt ta' rahan gie karpit b'qerq u ghemil doluz da parti tal-bank u jew il-konvenuti Savery; (2) il-kuntratt ta' rahan hu null ghax il-kawza jew konsiderazzjoni hi falza; (3) il-bank ma setax japproprja u jpaci bi flus tal-atturi f'kont bankarju partikolari meta l-ftehim sar fuq kont bankarju differenti; (4) il-bank ma kellu ebda jedd japproprija flus tal-esponenti direttament mill-kont bankarju taghhom ghax hu projbit skont l-artikolu 1973 tal-Kap. 16 u kwindi l-kuntratt hu null.*
>
> *Bhala fatti fil-qosor jirrizulta illi l-konvenuti Gaetano Savery kien gia kellu relazzjoni bankarja mal-HSBC qabel inqala' l-kaz. Kellu xi ftehim ta' self u overdraft u kellu kondotta tajba mal-bank u kien maghruf li jinnegozja fil-proprjeta. Kien ihallas is-self b'pagamenti regolari u kellu*

*assi likwidi mal-istess bank. Il-konvenut Savery kien issellef ukoll biex jixtri ufficji fin-Naxxar u dwar liema l-bank kien talab dikjarazzjonijiet ta' taxxa dwar id-dhul tieghu u l-bank kien anki baghat ufficjali tieghu biex jiverfikaw il-proprjeta li kien ser jixtri. F'Settembru 2007 il-konvenut kien avvicina lil ufficjal tal-bank Peter Paul Sacco dwar negozju f'H'Attard u l-Gharghur/Bahar ic-Caghaq, tal-ahhar mertu tal-vertenza fejn il-bank gie infurmat li l-istess konvenut u hames investituri ohra kienu interessati jixtru dawn il-proprjetajiet bil-prezz ta' Lm360,000. Qallu wkoll li l-attur wiehed mill-investituri, ma kellux likwidita izda kellu kont fiss mal-bank. Il-bank ma staqsiex ghall-identita tal-investituri l-ohra ghax il-bank ma dahalx fil-kwistjoni tal-akkwist.*

*Jidher li l-konvenut kien sar jaf lil atturi permezz ta' konoxxenza komuni, certu Ian Vella ghal habta ta' Mejju 2007. Savery kien qal lil Vella bl-izvilupp u ried xi investituri. Vella kien jaf lil attur li kellu xi flus li xtaq jinvesti, u qallu b'Savery u iddeskrivih bhala persuna affidabbli. L-attur iltaqa' ma' Savery fl-ufficcju ta' dan tal-ahhar fix-Naxxar u dan spjegalu dwar l-izvilupp u meta l-attur qallu li l-flus tieghu kienu marbuta fil-bank cioe Lm100,000, Savery qallu li seta' jsir rahan mal-bank u Savery jkun jista' jissellef mill-bank. Il-konvenut qallu li l-atturi kienu qed jistennew qliegh ta' madwar Lm60,000 mill-investiment taghhom fuq medda ta' tlett snin. Il-verzjoni ta' Savery hi ftit differenti pero l-iskop tal-intendiment kien l-istess. L-attur tkellem ma' martu u stiednu lil konvenut f'darhom fejn iddiskutew il-progett. Il-konvenut kien stedinhom jitkellmu mal-bank manager tieghu dwar l-affidabilita tieghu u qalilhom ukoll li l-profitti setghu jircevuhom bil-quddiem permezz ta' assenji li jkunu pagabbli kull tlett xhur jew sitt xhur. Il-konvenut ukoll jaghti verzjoni ftit differenti tal-laqgha billi jghid li l-atturi riedu garanzija ghall investiment permezz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja tal-konvenut.*

*Jidher li ntlahaq ftehim bejn l-atturi u l-konvenut li l-atturi jiggarantixxu self bankarju favur il-konvenut b'rahan tal-kont bankarju taghhom mal-istess bank. Il-konvenut jikkonferma li l-qliegh kellu jikkonsisti f'pagamenti ta' Lm5,000 kull tlett xhur fuq medda ta' tlett snin. Il-ftehim kien jirrigwarda l-proprjeta ta' Bahar ic-Caghaq (Gharghur). L-attur jinsisti li hu ha din id-decizjoni ghax huma wkoll kienu premier clients mal-bank u l-bank kien jaf x'inhu jaghmel meta jaghti self. L-attur mar ukoll jara l-proprjeta ta' Bahar ic-Caghaq.*

*Il-bank, affrontat bit-talba li jsir self lil konvenut u bhala garanzija isir ir-rahan mill-kont bankarju tal-atturi, dehrlu li l-garanzija kienet tajba, ma kienx hemm riskju fuq is-self u ghalhekk ma kienx necessarju investigazzjoni aktar approfondita dwar in-negozju li b'rabta mieghu kien ser jinghata s-self. L-istess manager Peter Paul Sacco kien talab l-awtorizzazzjoni tal-area commercial manager dwar is-self u din l-awtorizzazzjoni nghatat, kemm minhabba l-mod kif il-konvenut kien ihaddem il-kontijiet li kellu mal-bank u kif ukoll ghaliex il-konvenuti kellhom depoziti bankarji in eccess ta' Lm100,000 mal-istess bank,*

*apparti r-rahan li kien ser jinghata in konnessjoni mas-self il-gdid. Minhabba dan ir-rahan, il-manager Peter Paul Sacco ma ghamilx verifiki dwar il-proprjeta li Savery kien ser jakkwista, il-ftehim li kellu ma' investituri ohra u l-pagamenti li kellhom isiru tal-bank b'referenza ghall-introjtu tal-konvenuti.*

*Peter Paul Sacco tkellem mal-attur darba wahda biss b'telefonata li saritlu mill-attur wara l-hrug tas-sanction letter ghas-self u qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' rahan. F'din it-telefonata x-xhud gie mistoqsi dwar l-affidabilita tal-konvenut u x-xhud li ma xtaqx jirrispondi minhabba kwistjonijiet ta' rapport ta' kunfidenzjalita mal-klijenti tal-bank, pero fl-ahhar kien qal lil attur li l-konvenut dejjem onora l-obbligi tieghu mal-bank. L-attur isostni li fil-fatt Sacco qallu izjed minn hekk u qallu li r-rahan kien dwar l-izivlupp tal-proprjeta immobbli, li l-konvenut kien klijent stmat tal-bank u kien ta' min jorbot fuqu u kien negozjant tajjeb. L-attur jghid li serrah rasu mill-kuntratt ta' rahan a bazi ta' din ir-rakkomandazzjoni.*

*Il-bank hareg is-self lil konvenut fl-20 ta' Settembru 2007 bl-iskop 'to finance third party's share of purchase of land'.*

*Wara li l-attur kellem lil Peter Paul Sacco iddeciedew li jkomplu bl-investiment. Iltaqghu mal-konvenut u ftehmu li l-konvenut jiehu self mill-bank garantit bir-rahan ta' flus tal-atturi. Il-flus kellhom jintuzaw ghall-izvilupp tal-proprjeta b'Bahar ic-Caghaq. Il-qliegh tal-attur kellu jsir permezz ta' assenji maghmula mill-konvenut bil-quddiem pagabbli kull tlett xhur fuq medda ta' tlett snin. Il-konvenut ukoll ikkonsenja cheque ta' Lm100,000 lil attur biex iserrhilhom rashom mill-investiment. Il-konvenut anki tahom il-pjanti tal-izvilupp u wara ftit tahom l-abbozz tal-kuntratt tar-rahan li l-atturi urewh anki lin-Nutar taghhom Pierre Falzon. Fil-fatt l-attur kien inghata parir minn Nutar Falzon li fil-kuntratt ta' rahan issir referenza specifika ghas-sanction letter in kwistjoni, u li l-istess sanction letter kellha tigi annessa mal-kuntratt. Dawn il-proposti ghall-emendi fil-kuntratt ta' rahan kienu jehtiegu l-approvazzjoni tal-Head Office tal-Bank konvenut, u kienu wkoll holqu d-diffikulta li sabiex tigi annessa l-imsemmija sanction letter li kien inharget favur il-konvenuti Savery, mal-kuntratt ta' rahan tal-atturi, kien se jkun hemm ksur tas-sigriet bankarju. Biex tigi sorvolata din id-diffikulta', il-Bank konvenut abbozza verzjoni tas-sanction letter li fiha ma kienx hemm referenza ghall-facilitajiet bankarji tal-konvenuti Savery, ghajr ghas-self ta' Lm100,000. Gara li fir-redazzjoni ta' din il-verzjoni, l-ufficjali tal-Bank zammew id-data originali tal-20 ta' Settembru 2007 fuq l-ewwel pagna tad-dokument, filwaqt li d-data tal-5 t'Ottubru 2007 giet indikata fuq il-pagni susssegwenti. Hadd ma nduna b'din id-diskrepanza u din il-verzjoni tas-sanction letter giet immessa mill-Bank konvenut. Kien biss wara li l-kuntratt ta' rahan kien iffirmat u gew ritomati lura flimkien mas-sanction letter in kwistjoni li giet skoperta din id-diskrepanza. Peress illi l-kuntratt ta' rahan kien qed jirreferi ghal sanction letter datata 5 t'Ottubru 2007, filwaqt li d-dokument anness bhala tali sanction letter*

*kellu d-data tal-20 ta' Settembru 2007 indikata fuq l-ewwel pagna taghha, Peter Paul Sacco ghazel li jingassa bl-inka d-data tal-20 ta' Settembru 2007, u minflok kiteb bl-inka d-data tal-5 t'Ottubru 2007. Dan sehh qabel inqala' d-dizgwid li wassal ghal din il-kawza.*

*Is-self tal-bank kellu jithallas f'hames pagamenti semestrali ta' Lm20,000 kull wiehed. Kien biss l-ewwel wiehed li thallas. Sadattant il-kont bankarju tal-atturi immatura fit-22 ta' Awwissu 2008 u l-bank ittrasferixxa l-flus f'kont iehor b'numru gdid f'isem l-atturi.*

*Sadattant pero l-konvenut beda jhallas lil atturi ammont ta' Lm5,000 u fil-fatt hallashom Lm15,000 pero ftit wara hajjarhom jinvestuhom fl-Ingilterra u hekk ghamlu u fil-fatt thallsu kemm tal-investiment u l-qliegh tieghu. Ftit wara l-konvenut rega' hajjarhom b'investiemnt iehor din id-darba ta' Lm30,000 u l-atturi tawh il-flus. Ftit zmien wara hajjarhom b'investiment iehor ta' Lm30,000 u l-atturi regghu thajjru u taw lil konvenut din is-somma wkoll. F'Dicembru 2008 kien wasal biex jaghlaq cheque ta' Lm5,000 bhala hlas tal-flus moghtija b'rahan u hlas lura ta' wiehed mill-investimenti. Din id-darba l-konvenut naqas li jhallas u kien laqqaghhom ma' certu Egizjan li mieghu l-konvenut suppost kellu xi negozju biex jispjegalhom x'kien qed jigri u l-atturi ntalbu jaghtuhom Lm10,000 biex tigi rilaxxata bagalja mimlija flus mizmuma fl-ajruport. L-atturi rrifjutaw u ndunaw li kienu dahlu fl-inkwiet. Wara hafna tahbit il-konvenut hallashom €3,000 sakemm fl-ahhar ammetta li kellu problem finanzjarji.*

*Meta Savery naqas li jhallas anki lil bank ghas-self garantit b'rahan, il-bank ipprova jikkomunika ma' Savery u f'wahda mill-komunikazzjonijiet infurmahom li kien qieghed barra fuq negozju. Il-bank ikkomunika mal-atturi fuq il-kwistjoni u fuq il-possibilita li l-bank jdur ghar-rahan fin-nuqqas ta' hlas. Dan kien ghal habta ta' Mejju 2009. L-attur talab zmien biex tigi rizolta l-kwistjoni pero xejn ma nbidel. F'Lulju 2009 il-bank approprija l-flus mirhuma u pacihom mad-dejn dovut minn Savery. L-atturi gew infurmati b'ittra tat-23 ta' Lulju 2009, fejn gew infurmati li ttiehdet is-somma ta' €212,263.99 mill-kont bankarju taghhom u l-bilanc rimanenti gie rifuz lil atturi fuq struzzjonijiet moghtija mill-atturi fuq talba tal-bank.*

*"Bhala punt ta' informazzjoni, irrizulta li Savery kien qed jircevi somom sostanzjali minn persuni ohra wara li hajjar lill-atturi jinvestu, sakemm il-kredituri ta' Savery saru kbar wisq biex ilahhaq mal-hlasijiet minn flus li kien idahhal minn investituri godda. Savery kien anki gie arrestat fejn fl-istqarrija ammetta li l-flus li ssellef mill-bank garantit mill-atturi tahom lil Egizjan biex jinvestihom f'Dubai u dan dahak bih. Il-konvenut isostni li l-atturi kienu jafu li l-flus kienu ser jintuzaw ghal progetti ohra. Il-konvenut gie mressaq il-Qorti u fil-15 ta' Novembru 2013 gie misjub hati ta' truffa u misapproprjazzjoni ghad-dannu tal-atturi fuq ammissjoni tal-istess Savery u gie kkundannat tlett snin habs.*

***Konsiderazzjonijiet legali***

***Eccezzjoni li l-konvenut Gaetano Savery mhux legittimu kontradittur***

*Il-konvenut isostni li ma kellux jitharrek ghal talbiet konnessi mal-bank. Din l-eccezzjoni hi infondata. Il-kawza attrici tirrigwarda l-kuntratt ta' rahan u wahda mill-premessi hi li l-kunsens ghal dan il-kuntratt gie karpit b'qerq u ghemil doluz da parti tal-bank u tal-konvenuti. Il-prezenza tal-konvenuti kollha ghalhekk hi indispensabbli fid-determinazzjoni tar-responsabilta li tista' tinsorgi mir-rapport guridiku li l-atturi qed jittentaw jimpunjaw. In oltre d-decizjoni fuq il-validita tal-kuntratt ta' rahan tirrendi l-prezenza f'dan il-gudizzju da parti tal-konvenuti bhala necessarja. F'kaz li l-kuntratt ta' rahan jigi dikjarat null, allura l-bank ikollu jirrifondi l-flus approprjati li jfisser li d-debitu tal-konjugi Savery mal-bank permezz tas-self garantit bir-rahan ghadu mhux estint.*

***Eccezzjoni tal-konvenut Savery li t-transazzjoni mertu tal-kawza hi frott ta' kawza illecita***

*Din l-eccezzjoni ma fihiex mertu ghaliex il-kawza hi dwar il-kuntratt ta' rahan u l-konvenut qed jallega li l-causa illecita gejja mill-fatt allegat illi l-ftehim bejnu u l-atturi kien jikkonfigura imghax oltre dawk permessi bil-ligi. Bhala fatt in-negozju bejn l-atturi u l-konvenuti Savery mhuiex il-mertu ta' din il-kawza izda l-kuntratt ta' rahan bejn l-atturi u l-bank, kuntratt accessorju ghal kuntratt ta' self bejn il-konvenuti Savery lil hinn mill-kuntratt ta' rahan u ghalhekk ma jistax ikun ta' xkiel ghal mertu ta' din il-kawza.*

***Eccezzjoni tal-konvenuti Savery li kull imghax imhallas minnu lil atturi ghandu jitnaqqas minn kwalunkwe ammont pretiz mill-atturi***

*Din l-eccezzjoni hi estraneja ghal mertu tal-kawza ghax it-talbiet attrici sakemm jolqtu l-mertu f'din l-istanza mhux intizi ghal konsegwiment ta' dak dovut lilhom mill-konvenut Savery.*

***Talba attrici li l-kunsens tal-atturi kien vizjat b'qerq u ghemil doluz***

*L-artikolu 981(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:*

> *"L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta."*

*Hu car illi l-kuntratt ta' rahan sehh bejn il-bank konvenut u l-atturi. Il-konvenuti Savery ghalkemm ma kienux parti fih, pero kellhom interess fih u ffirmawh. Dan ma jaghmilhomx parti ghax huma ma taw ebda rahan izda kienu biss xhieda akkwiexxenti ghar-rahan li l-atturi taw lil*

*bank biex jinhareg self lil Savery skond ma jidher fil-premessi tal-istess kuntratt ta' rahan. Il-kuntratt gie perfezzjonat minghajr il-partecipazzjoni u l-kunsens ta' Savery. Kif jghid l-abbli perit legali:*

> *"Illi huwa minnu li skont il-ligi biex l-ghemil doluz jikkostitwixxi motiv ghar-rexxissjoni ta' kuntratt, dak l-ghemil irid ikun gie perpetrat mill-kontraent l-iehor. Dan kuntrarjament ghall-vjolenza, li b'disposizzjoni espressa tal-ligi tikkostitwixxi motiv ta' rexxissjoni anke fejn din tigi mwettqa minn terz - a tenur tal-Artikolu 977(1) tal-Kodici Civili. Madanakollu, kemm id-duttrina u kemm il-gurisprudenza ammettew il-possibilita' li r-rexxissjoni tal-ftehim abbazi ta' l-ghemil doluz jista' jigi akkordat fejn dak l-ghemil doluz jitwettaq minn terz, b'dan li l-kontraent l-iehor ikun xjenti u passivament komplici ghall-istess ... Fi kliem iehor, biex l-atturi jirnexxu f'dan l-ilment taghhom, mhux sufficcjenti li huma jippruvaw li gew ingannati mill-konvenuti Savery. Huma jridu jippruvaw ukoll li dan l-ingann sehh bil-komplicita' attiva jew passiva tal-Bank konvenut. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-ilment taghhom ifalli."*

*Kif inghad fil-kawza* ***George Portelli vs Ivan John Felice*** *(PA 28/07/2004):*

> *"Biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jhassar is-siwi tal-istess kunsens, jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu jihom infushom gravi (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir ezagerat dwar xi kwalita' tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwestjoni."*

*Il-Qorti hi tal-fehma illi jirrizulta mill-provi li riassunt taghhom gew elenkati aktar qabel f'din is-sentenza, illi l-konvenut Savery qarraq u inganna bl-atturi meta heggighom jinvestu fi zvilupp ta' proprjeta f'Malta meta fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-konvenju fuq din l-art gie rexiss minnu fl-2008 u l-flus li ssellef Savery garantiti bir-rahan tal-atturi intuzaw ghal skopijiet ohra xejn cari u ta' lecita dubjuza li zgur l-atturi ma kienux jafu bihom u li kieku kienu jafu bihom ma kienux jafdaw flushom b'dak il-mod. Il-Qorti ma temminx lil Savery li l-atturi kienu jafu bl-iskop daqs kemm hi konvinta li l-bank seta' kellu hjiel tat-tahwid li dahal fih Savery. Hu minnu illi saru 'investimenti' mill-atturi mal-konvenut Savery wara r-rahan pero l-Qorti tattribwixxi dan ghall-entuzjazmu bla kawtela ragonevoli tal-atturi li jaraw introjtu kbir u malajr ghall-investiment taghhom. Il-provi tal-pulizija li ngiebu dwar l-imgieba ta' Savery taghti kredibilita lil verzjoni tal-atturi li kienu gew ingannati bl-ikrah u bil-kbir mill-konvenut Savery biex inehhu l-kontroll ta' flushom u jafdawhom f'idejn Savery jew ghall-uzu ta' Savery.*

*Pero dan ma jfissirx illi l-bank kien komplici ta' dan kollu jew kien jaf bil-modus operandi tal-konvenut Savery. Ir-rexxisjoni tal-kuntratt ta' rahan tehtieg il-partecipazzjoni attiva jew passiva fl-ingann perpetrat minn Savery. Dan ma jirrizultax mill-provi bl-ebda mod. Jibda biex*

*jinghad illi l-kuntratt ta' rahan sar fl-2007 meta ma kien ghad hemm ebda hjiel ta' dak li zviluppa minn-nofs l-2008 il-quddiem. Fil-fatt Savery fl-2007 ghamel konvenju biex jixtri l-proprjeta f'Bahar ic-Caghaq. Hu minnu illi l-bank ma ghamilx xi ricerka approfondita fuq il-proprjeta li ghaliha ried jissellef Savery pero dan ma jirrizultax li kien rizultat ta' xi xjenza ta' illecitu u agir dubjuz jew inkorrett ta' Savery. Anzi sa dak iz-zmien Savery kellu kontijiet bankarji salutari mal-bank u d-debiti mal-bank kienu jithallsu regolarment. Il-bank ma kellu ebda dubju fuq ir-reputazzjoni jew affidabilita tal-klijent tieghu u ebda prova ma ngiebet a rigward. Jista' wiehed jargumenta u jqis li l-bank ma tantx wera dik il-kawtela stretta li s-soltu juri meta jkun qed jislef pero f'dan il-kaz, il-bank kellu garanzija soda bir-rahan u ghalhekk ma kellux dik il-hegga li solitament jara f'bank li jifli sew in-negozju konnes mad-debitu prospettiv qabel jirrilaxxa flus minn idejh.*

*Hu minnu illi l-atturi jsostnu illi huma accettaw li jaghtu l-garanzija ghax ir-rapprezentat tal-bank Peter Paul Sacco assikurahom mill-affidabilita ta' Savery u li kien businessman tajjeb u li kien bniedem li jorbot fuqu u li kien cert li ser jonora sself u li s-self kien qed isir ghall-izvilupp tal-proprjeta li ghaliha kien ser isir is-self. Ix-xhud Sacco jixhed li hu qal biss li kien 'a reliable customer'. Kien x'kien id-diskors, biex ikun hemm l-ingann irid jirrizulta mhux biss li l-bank ftahar bil-kwalita ta' klijent li kellu, izda li hu jaf u kien komplici fil-fatt li Savery kien bi hsiebu jinganna u jqarraq bl-atturi u dan ma jirrizultax mill-provi. Il-bank, sal-mument li sar ir-rahan ma kellux provi, almenu dak li jirrizulta mill-atti dwar agir dubjuz tal-konvenut Savery jew nuqqas ta' integrita, onesta jew affidabilita fir-relazzjoni kummercjali tieghu mal-bank. Jista' jinghad li l-bank kien legger mill-mod kif ittratta l-kwistjoni fis-sens li la darba kellu garanzija soda, ma tantx dahal f'dettall dwar l-iskop veru tas-self, avolja jidher li f'dak il-perjodu, il-konvenju kien fil-fatt sar minn Savery fuq il-proprjeta in kwistjoni. Pero l-leggerezza grosslana kienet da parti tal-atturi fir-relazzjoni diretta li kellhom ma' Savery u fl-informazzjoni li kellhom. L-atturi kienu jafu li s-self kien ser jittiehed 'to finance third party's share of purchase of land'. Din is-sanction leter kienu jaf biha tant li n-nutar taghhom ried li tigi annessa mal-kuntratt tar-rahan, qabel dan gie ffirmat. Is-self seta' ttiehed mill-atturi jew setghu talbu li s-self jigi abbinat mal-kuntratt tal-akkwist. Dan ma ghamluhx. Seta' fil-fatt dan ghamlu l-bank pero l-bank kien mohhu mistrieh minn flusu bil-garanzija tar-rahan. Jista' wiehed ihares b'xetticizmu lejn dan l-agir tal-bank li jahseb biss fl-interessi partikolari tieghu pero dan ma jwassalx ghal ebda qerq jew ghemil doluz da parti tal-bank li jrendi l-kuntratt ta' rahan null minhabba difett fil-kunsens.*

***Nullita tal-kuntratt ta' rahan stante kawza jew konsiderazzjoni falza***

*L-atturi jsostnu li l-kawza tal-kuntratt ta' rahan hu l-iskop dikjarat fis-sanction letter tal-bank qabel l-ghoti tas-self cioe 'to finance third party's share of purchase of land'.*

*Il-Qorti tqis li dan l-argument mhux korrett. Jista' jkun li dak kien il-hsieb, skop jew il-mottiv ghaliex l-atturi dahlu fil-kuntratt ta' rahan izda ma kienx il-kawza tal-ftehim ta' rahan. Il-kawza tal-ftehim tar-rahan kienet l-ghoti ta' garanzija lil bank biex Savery jinghata self mill-bank. Din kienet l-unika kawza tal-kuntratt ta' rahan, kawza unika komuni li rabtet lil bank u l-atturi. Il-kawza mhix nieqsa ghax il-konvenut Savery ma akkwistax il-proprjeta ghal kwalsiasi raguni. L-iskop tal-atturi ghaliex huma accettaw li jidhlu fil-ftehim ta' rahan anki jekk b'rizultat ta' zball jew qerq maghmul da parti ta' Savery fil-konfront taghhom ma jista' qatt ifisser li safejn hemm ir-relazzjoni bejn il-bank u l-atturi, ir-rahan spicca bla kawza jew kawza falza. Il-bazi guridika ghaliex sar ir-rahan kien wiehed validu. Jekk ir-raguni ghaliex inghatat il-garanzija kienet falza, l-obbligazzjoni per se ma tistax titqies falza jew bla ebda kawza. Semmai l-kunsens jigi li nghata b'mod ivvizjat. Pero din il-kwistjoni gia giet ventilata u deciza aktar qabel u fejn il-Qorti sabet li f'dan il-kuntest, il-bank ma kellu ebda responsabilta legali ghaliex kellu jirrispondi ghal vizzju ta' kunsens kif allegat mill-atturi. Kif intqal filkawza* ***Joseph Farrugia vs Peter Paul Attard*** *(App Inf 19/09/2004) il-gudikant irid jiddetermina jekk il-kawza cioe l-oggett tal-valutazzjoni tikkonformax ruhha mal-ligi, inter alia, il-licejeta taghha. Dan hu dak li din il-Qorti qed tiddetermina u ma ssib xejn fl-oggett tal-kuntratt li jimmina l-validita tieghu.*

***Talba li l-bank konvenut approprja flus li ma kienux milquta mir-rahan***

*L-artikolu 1964(2) tal-Kap. 16 jghid:*

> *"Il-hwejjeg li jistghu jinghataw b'rahan huma hwejjeg mobbli u krediti u jeddijiet ohra dwar hwejjeg mobbli."*

*Qari tal-parti saljenti tal-kuntratt ta' rahan jghid hekk:*

> *"In consideration of your giving credit and banking facilities to Mr Gaetano Savery & Mrs Richline Testa Savery ... ... we have delivered by title of pledge to you by way of security upon the terms of the above pledge clauses RG 407/2011MC Vella Petroni et vs HSBC et 15 the documents specified in the Schedule hereto which ... ..., and we further agree and acknowledge that any stocks, shares, bonds, debentures or other securities, and balances in any account or accounts which we may hereafter have in your possession ... ... . are hereby pledged to you by way of security upon the terms of the above pledge clauses.*
>
> *"4.6.3. Illi l-Iskeda li ghaliha hemm referenza f'dan il-bran (u li tinsab a folio 10 tal-process) tirreferi ghal "FIXED DEPOSIT A/C 085-108447-102".*

*L-atturi jsostnu illi meta l-bank approprja l-flus dovuti lilu, dan ma sarx mill-ktieb tal-bank imsemmi fl-iskeda ghal kuntratt ta' rahan izda minn kont iehor li nfetah mill-bank wara li kien inghalaq il-kont imsemmi fl-iskeda li kien term deposit u l-flus gew trasferiti fil-kont il-gdid. Il-bank*

*isostni illi r-rahan ma kienx tal-kont bankarju izda l-flus go fih depozitati.*

*Ir-rahan jippresupponi l-konsenja tal-oggett mirhun lil kreditur li hu obbligat jikkustodixxi u jippreserva dak l-oggett sakemm jithallas il-kreditu, f'liema istanza l-kreditur obbligat jirritorna l-oggett mirhun. Il-konsenja tal-oggett lil kreditur tisvesti lit-terz cioe dak li ta r-rahan mill-pussess u disponibilita tal-oggett (ara artikolu 1965 talKap. 16). F'dan il-kaz pero jirrizulta ili l-istess atturi ntrabtu fl-istess kuntratt illi:*

> *"Furthermore, I/We undertake to maintain at all times a minimum credit balance of Lm100,000 (Maltese liri one hundred thousand) and/or its equivalent in other approved currency or currencies on the account or accounts specified in the Schedule hereto, and the Bank may thereby refuse payment of any cheque or ther order the payment of which would reduce such balance below the said amount.*

*Hi l-fehma tal-Qorti illi din il-klawsola kienet torbot lil atturi li jzommu disponibbli ghal bank is-somma ta' Lm100,000 biex jonoraw ir-rahan maghmul pero kellhom kull kontroll u ghalhekk pussess ta' kull somma ohra li teccedi tali somma fl-istess bank u anki fl-istess kont jew kontijiet appartenenti lil atturi. Dan ifisser li r-rahan ma kienx tal-kont bankarju specifikament imsemmi izda tal-flus depositati go fih cioe Lm100,000 fejn l-atturi ma kellhomx poter jiddisponu minnhom, izda minn kull ammont iehor li teccedi l-istess somma f'dan il-kont jew kull depozitu iehor mal-istess bank.*

*Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi r-rahan kien ta' flus mhux ta' kont bankarju specifiku u l-bdil tan-numru tal-kont ghax ghalaq iz-zmien tieghu u l-flus gew trasferiti ghal kont gdid ma jbiddel xejn min-natura u skop tar-rahan cioe garanzija bis-somma ta' Lm100,000 li dejjem iridu jkunu disponibbli mill-assi tal-atturi fil-bank konvenut.*

*Hi l-fehma tal-Qorti illi l-kliem tal-kuntratt tar-rahan kien determinabbli b'mod facli u logiku mill-istess dicitura tal-ftehim u ghalhekk l-argument tal-atturi mhux validu.*

***Nullita tal-kuntratt ta' rahan ghax jikser l-artikolu 1973 tal-Kap. 16***

*Dan l-artikolu jghid hekk:*

> *"Kull patt li jaghti s-setgha lill-kreditur li jiehu bi proprjeta r-rahan, jew li jiddisponi minnu minghajr ma jhares il-procedura msemmija fl-artikolu 1970, jew li jnehhi lil-kreditur jew lid-debitur il-jedd li jitlob il-bejgh tar-rahan kif jinghad fl-artikoli 1970, 1971 u 1972, huwa null.*

*Din id-dispozizzjoni hi cara. Ma hemm ebda patt kommissorju fir-rahan, ghalkemm il-gurisprudenza accettat li taghti fakulta li l-kreditur japproprja ruhu mill-oggett mirhun bi ftehim mad-debitur wara l-kuntratt ta' rahan (ara* ***Carmela Cordina vs Emanuele Gatt****, PA 31/10/1917).*

*Illi fil-kaz odjern jidher car illi l-bank approprja r-rahan bi tpacija ghad-debitu dovut minn Savery wara li dan ma hallasx id-debitu. Jirrizulta wkoll illi l-bank ma dahal f'ebda ftehim mal-atturi biex jaghmel hekk wara li gie iffirmat il-ftehim ta' rahan.*

*Hu minnu illi dan kien rahan ta' flus u ghalhekk tqum id-domanda xi pregudizzju seta' jsofri l-attur billi l-bank japproprja ruhu minn somma mirhuna gia ezistenti u fejn l-ammont kien wiehed inekwivoku u mhux fluttwanti. Dan mhux kaz ta' immobbli fejn il-prezz f'bejgh jista' jkun differenti milli kieku l-bank izomm il-proprjeta mirhuna b'valur li jista' ma jkunx dak gust. Il-bank ma jistax ibiegh flus biex jerga' jehodhom. Il-bank konvenut ghamel referenza ghal kuncett ezistenti fil-ligi Taljana ghal pegni irregolari izda din il-Qorti tqis li dan il-kuncett ma jezistix fil-ligi Maltija. Anzi ghal kuntrarju l-ligi hi cara hafna fuq il-punt, iktar u iktar meta l-artikolu 1974 tal-Kap. 16 jghid li d-debitur jibqa' sid tal-haga mirhuna sakemm ma tigix lilu mnehhija l-proprjeta taghha, li timplika mod forzat ossia gudizjarju kif dan ghandu jsehh.*

*Il-gurisprudenza ammettiet eccezzjoni kif fuq inghad ghal fatt li l-kreditur jista' japproprija ruhu mir-rahan bil-kunsens tad-debitur cioe min ta r-rahan wara li jkun sehh il-kuntratt ta' rahan. Il-ligi wkoll issemi eccezzjoni ohra li dahlet fis-sehh fil-1975 cioe l-artikolu 1968 li jghid hekk:*

> *"(1) Meta l-haga mirhuna tkun kreditu. il-kreditur li favur tieghu jsir ir-rahan ikun responsabbli ghall-gbir ta' dak il-kreditu meta jaghlaq, u ghandu jqieghed il-flejjes jew oggetti l-ohra ricevuti jew kif miftiehem jew, f'nuqqas ta' ftehim, kif il-qorti tista' tiddeciedi.*
>
> *(2) Jekk id-dejn garantit b'rahan ikun dovut, il-kreditur li favur tieghu jsir ir-rahan jista' jzomm, minn kull flejjes ricevuti kif intqal qabel, ammont li jkun bizzejjed biex jissodisfa l-jeddijiet tieghu u ghandu jikkunsinna l-bqija lil min jaghti r-rahan; u jekk il-haga li tigi ricevuta ma tkunx flus, dan jista' jghaddi ghall-bejgh tal-haga kif provdut fl-artikolu 1970.*
>
> *(3) Il-kreditur ta' dejn li jkun garantit bir-rahan ta' kreditu iehor jista', f'kull zmien wara li l-kreditu tieghu jkun dovut, jitlob li l-kreditu mirhun favur tieghu jinghata lilu bi hlas sal-ammont tal-kreditu tieghu.*

*"Anke l-artikolu 1977 jaghmel ukoll eccezzjoni fuq l-imghax u jghid:*

> *"(1) Jekk il-haga mirhuna taghti mghaxijiet jew utli ohra, il-kreditur ghandu jnaqqas dawn l-imghaxijiet jew utli ohra mill-imghaxijiet li jkollu jiehu.*
>
> *(2) Jekk id-dejn, li biex jaghmel tajjeb ghalih ir-rahan ikun gie moghti, ma jkunx igib imghax, it-tnaqqis isir mill-kapital tad-dejn.*
>
> *(3) Kull patt kuntrarju ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, hu null.*

*Pero dawn l-artikoli ma jsolvux il-kwezit in kwistjoni u l-Qorti ma tqis li jista jkun hemm diskrezzjoni afdata lil din il-Qorti biex taccetta li l-bank japproprja ruhu mill-flus depozitati fil-bank f'kontijiet tal-atturi bla ebda awtorizzazzjoni mill-ligi jew mill-Qorti. Il-Qorti tqis li l-lanjanza tal-atturi hi gustifikata u l-bank konvenut naqas u ma mexiex skond il-ligi. Fil-fehma tal-Qorti, il-bank kellu jitlob lil Qorti bi procedura kontenzjuza sabiex jigi awtorizzat jizbanka l-flus bi dritt skont il-kuntratt ta' rahan afdat minnu. Ma jfissirx li l-kuntratt ta' rahan hu affett minn nullita kif qed jallegaw l-atturi izda lapproprijazzjoni tal-flus mill-kont bankarju bla awtorizzazzjoni hi intempestiva u bal fondament legal*";

3. Kemm l-atturi u kif ukoll il-Bank ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza. L-imħarrek Gaetano Savery ma appellax, filwaqt li l-imħarrka Richline Savery Testa kienet waqgħet kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas appellat mis-sentenza appellata;

4. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fil-15 ta' Marzu, 2016, l-atturi (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-appellanti") talbu li, għar-raġunijiet hemm imfissra, din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi, tikkonfermaha safejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha mqajma mill-intimat Savery, safejn laqgħet it-talbiet tagħhom biex sabet li l-Bank ma kellu l-ebda jedd li jaqbad u jdawwar favurih il-flejjes fil-kont bankarju mirhun miegħu bla ma qabel jitlob l-awtorizzazzjoni minn Qorti biex jista' jagħmel dan, u safejn ordnat li l-intimati Savery jerfgħu l-ħlas tal-ispejjeż tagħhom; u tħassarha għall-bqija, billi, minflok, tilqa' għal kollox l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet u billi tordna li l-Bank intimat iħallas l-ispejjeż kemm tiegħu u kemm tagħhom;

5. Il-Bank ressaq l-appell tiegħu f'Rikors imressaq minnu fil-15 ta' Marzu, 2016, ukoll u li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: tikkonfermaha safejn ċaħdet l-ewwel tliet talbiet attriċi u safejn sabet li l-kuntratt ta' rahan kien jiswa; u tħassarha safejn laqgħet f'parti r-raba' talba u sabet li huwa ma kellu l-ebda jedd li jdawwar għalih il-flus fil-kont bankarju mirhun favurih, billi, minflok, tiċħad għal kollox ir-raba' talba tal-atturi u tordnalhom iħallsu l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi;

6. Ir-Rikors tal-Appell tal-Bank kien notifikat lill-imħarrka Richeline Savery Testa u l-Avviż tas-Smigħ u tal-ħlas tal-kawtela lill-atturi Vella Petroni bil-meżż tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni f'Jannar tal-2022;

7. Fis-smigħ tas-17 ta' Frar, 2022, tressqet nota ta' astensjoni[1] min-naħa tal-Aġent President ta' din il-Qorti;

8. Fil-21 ta' Frar, 2021[2], saret is-surroga meħtieġa biex il-Qorti saret kostitwita kif issa komposta;

9. Matul is-smigħ tas-17 ta' Marzu, 2022[3], id-difensur tal-atturi ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li n-notifika li saret fuq talba tal-Bank appellant kienet

[1] Paġ. 515 tal-proċess
[2] Paġ. 516 tal-proċess
[3] Paġ. 517 tal-proċess

tirrigwarda biss l-Avviż tas-Smigħ tal-appell u l-ħlas tal-kawtela u mhux ukoll in-notifika tar-Rikors tal-Appell tiegħu u iddikjara li kien dispost li, dakinhar stess, jilqa' n-notifika tal-imsemmi Rikors tal-Appell tal-Bank f'isem il-patroċinati tiegħu sakemm jingħata ż-żmien li trid il-liġi biex iressaq ir-Risposta tal-Appell f'isimhom;

10. B'Nota mressqa fil-5 ta' April, 2022[4], l-atturi Vella Petroni ċedew l-appell tagħhom (li sa dakinhar ma kinux għadhom ikkawtelawh fis-somma kif intaxxata fis-16 ta' Settembru, 2020) bla ebda riżerva;

11. Dakinhar ukoll, ressqu t-Tweġiba tal-Appell għar-Rikors tal-Appell tal-Bank li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li din il-Qorti jmissha tiċħad għal kollox l-imsemmi appell u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

12. Mehmuż ma' dik it-Tweġiba, l-atturi Vella Petroni ressqu appell inċidentali li fih tennew kelma b'kelma dak li kienu qalu fir-Rikors tal-Appell tagħhom u li kienu għadhom kemm ċedew bin-Nota msemmija;

13. Il-Bank baqa' ma ressaq l-ebda Tweġiba għall-appell tal-atturi Vella Petroni u, waqt is-smigħ tal-21 ta' Ġunju, 2022[5], wara li saru xi sottomissjonijiet dwar aspetti proċedurali marbuta mal-appell inċidentali

[4] Paġ. 518 tal-proċess
[5] Paġ. 560 tal-proċess

tal-atturi, l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li kienu joqogħdu fuq l-atti miktuba u li l-appell seta' jitħalla għas-sentenza, kif fil-fatt sar;

***Ikkunsidrat:***

14. Qabel xejn, ladarba l-atturi ċedew l-appell tagħhom, miż-żewġ appelli mressqa mill-partijiet mis-sentenza appellata fadal l-appell tal-Bank. Il-Qorti sejra tqis dak l-appell. Imbagħad, il-Qorti tgħaddi biex tqis l-att l-ieħor imressaq mill-atturi flimkien mat-Tweġiba tagħhom għall-appell tal-Bank;

15. Illi dwar l-appell tal-Bank, l-atturi appellati qajmu l-**preġudizzjali tad-deżerzjoni** tiegħu. Huma jgħidu li għall-għanijiet tal-Artikolu 963(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appell imressaq mill-Bank f'Marzu tal-2016 mar deżert minħabba li sa sena wara li tressaq, ma kinitx għadha saret in-notifika lilhom. Kemm hu hekk, kien biss waqt is-smigħ tas-17 ta' Marzu, 2022, li laqgħu formalment in-notifika tal-istess appell. Jisħqu li meta din il-Qorti tat il-provvediment fis-smigħ tat-13 ta' Mejju, 2021, dan kien iservi bħala l-ordni li l-liġi taħseb għalih fl-Artikolu 963(3) tal-Kodiċi msemmi;

16. Illi l-Qorti tqis li din il-preġudizzjali m'hijiex mistħoqqa. Fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 963(3) tal-istess Kodiċi, il-fatt waħdu li ma jkunux

tħarsu ż-żminijiet perentorji msemmija fis-sub-inċiż (1) ta' dak l-artikolu, ma jġibx miegħu d-deżerzjoni awtomatika tal-appell, qabel ma jagħlaq iż-żmien ieħor li l-Qorti għandha tagħti lill-parti appellanti għal darba waħda biss b'ordnijiet li jidhrilha xierqa biex tagħmel dak li huwa meħtieġ biex jintemmu l-proċeduri bil-miktub. Għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu l-atturi appellati, din il-Qorti ma kinitx tat ordni bħal dak sa dakinhar li l-avukat tal-atturi appellati deher quddiemha u, f'isimhom, laqa' formalment in-notifika tar-Rikors tal-Appell tal-Bank. L-ordni li kienet tat kien jirrigwarda n-notifika tal-appellati bl-Avviż tas-Smigħ u l-ħlas tal-kawtela, għaliex kien dak li l-Bank kien talabha tipprovdi dwaru fir-rikors tiegħu tat-30 ta' April, 2021[6] (u d-digriet relattiv tat-3 ta' Mejju, 2021[7]). Minbarra dan, f'dik iċ-ċirkostanza meta ntlaqgħet formalment in-notifika mill-appellati, jirriżulta wkoll li dakinhar l-istess avukat difensur ma qajjimx l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni tal-appell tal-Bank u ħalla li jingħata żmien biex f'isem l-appellati jressaq it-Tweġiba għal dak l-appell. B'dak il-mod, l-atturi appellati rrinunzjaw għal dik l-eċċezzjoni[8];

17. Illi għalhekk din il-Qorti qiegħda twarrab il-preġudizzjali tad-deżerzjoni tal-appell tal-Bank;

---

[6] Paġ. 678 tal-proċess
[7] Paġ. 679 tal-proċess
[8] Art. 963(4) tal-Kap 12

18. Illi l-Bank qajjem **tliet aggravji** fl-appell tiegħu, li lkoll jinbnew fuq il-fatt li f’dan il-każ ir-rahan kien jikkonsisti f’fondi f’kont bankarju. Huma aggravji li jirrigwardaw ir-raba’ talba tal-appellanti li l-Ewwel Qorti laqgħet biċċa minnha. Bl-ewwel wieħed, il-Bank jgħid li ladarba rahan ta’ flus li jinsabu f’kont bankarju huwa rahan ta’ kreditu, l-Ewwel Qorti messha mxiet fuq dak li jgħid l-Artikolu 1968 tal-Kodiċi Ċivili, u mhux fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1970 u 1973 tal-istess Kodiċi. Fit-tieni aggravju l-Bank jgħid li l-liġi trid titfisser b’mod li jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ. Filwaqt li fit-tielet aggravju l-Bank jilmenta li, fil-parti deċiżorja tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ma mxietx ma’ dak li tgħid il-liġi;

19. Illi l-Bank ifisser l-**ewwel aggravju** tiegħu billi jisħaq li huwa mexa sewwa meta żamm għalih il-fondi li kien hemm fil-kont bankarju li l-atturi kienu rahnu miegħu bħala parti minn garanzija għall-għoti ta’ faċilita` bankarja lill-intimati miżżewġin Savery. Iwarrab l-argument tal-atturi li jgħidu li l-Bank ried jimxi mal-proċeduri mfassla mil-liġi u jitlob lill-Qorti tawtorizzah ibigħ il-ħaġa mirhuna miegħu. Il-Bank jgħid li r-rahan kien ta’ flus f’depożitu bankarju ma’ waħda mill-fergħat tiegħu stess u ma jagħmel l-ebda sens li huwa jkollu jitlob lil xi qorti tawtorizzah ibigħ flus. Iżid jgħid li l-każ joqrob aktar lejn iċ-ċirkostanzi maħsuba fl-Artikolu 1968 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellmu dwar rahan ta’ dejn u għalhekk l-Ewwel Qorti kien messha mxiet ma’ dak l-artikolu tal-liġi u rratifikat il-mod kif hu mexa f’dan il-każ

bħala l-kreditur li favur tiegħu ngħata r-rahan. Il-Bank ifisser li meta jingħata rahan magħmul minn fondi f'kont bankarju, dawk il-flus ikunu diġà għaddew għandu bis-saħħa tad-depożitu nnifsu u jkun saħansitra jista' jaħdem bihom sakemm ma jintraddux lura lid-depożitant. Meta d-depożitant jagħti dawk il-fondi jew il-kont bankarju b'rahan, ikun qiegħed jikkonferma ż-żamma ta' dawk il-fondi sakemm ma jseħħux iċ-ċirkostanzi tar-radd lura tagħhom. Il-kont bankarju li l-atturi appellati offrewlu kien ilu miftuħ bħala kont fiss sa minn żmien qabel ma ngħata b'rahan, u l-obbligu tal-Bank kien li, meta jagħlaq iż-żmien u jekk il-kont ma jiġġeddidx, jrodd lura l-bilanċ li seta' kien dovut fil-fond u mhux li jrodd l-istess flus li kienu iddepożitati meta nfetaħ il-kont imsemmi. Imbagħad isemmi li quddiem l-Ewwel Qorti kien ressaq sottomissjonijiet dwar ir-rahan ta' kont bankarju, liema sottomissjonijiet ma ntlaqgħux mill-perit legali mqabbad mill-Ewwel Qorti u lanqas mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Il-Bank jagħlaq dan l-aggravju billi jgħid li l-Ewwel Qorti ma fissritx għaliex ma laqgħetx is-sottomissjonijiet tiegħu u jgħid li jixraq li din il-Qorti terġa' tqishom sewwa;

20. Illi l-atturi appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jwarrbu l-argument tal-Bank dwar in-natura vera tar-rahan magħmul minnhom, u billi jgħidu li l-ftehim tar-rahan li kien jagħti lill-Bank il-jedd li jagħmel b'tiegħu l-fondi fil-kont bankarja bla ma jħares dak li titlob il-liġi jmissu jitqies bla siwi għaliex jikser id-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Huma

jżidu li l-Artikolu 1970 tal-Kodiċi Ċivili jfisser ċar x'għandu jagħmel il-kreditur li miegħu jsir ir-rahan u li dawk id-dispożizzjonijiet ma jiddistingwux dwar jekk ġid mobbli mirhun ikunx ħaġa jew flus. Jgħidu li huwa biss bi ftehim bejn il-kreditur u min ikun rahan il-ħaġa li l-kreditur jista' jdawwar għalih il-ħaġa mogħtija b'rahan: imma f'dan il-każ ma kienx hemm ftehim bħal dan, għaliex ir-rahan ma kienx jiswa minħabba li ttieħed b'qerq. Iżidu jgħidu wkoll li l-Bank għaġġel wisq biex jieħu għalih il-kont bankarju bi ħwejġu bla ma qabel kiseb dikjarazzjoni ta' kanonizzazzjoni tal-kreditu kontra d-debitur ewlieni tiegħu Savery. Itemmu jgħidu li bl-ebda mod ma seta' l-Bank appellant iżomm u jdawwar għalih il-fondi tal-kont mirhun fuq is-saħħa ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 1968 tal-Kodiċi Ċivili, ladarba r-rahan ma kienx ta' dejn; u jgħidu wkoll li lanqas ma seta' l-Bank appellant ipaċi l-kreditu li kellu mal-imħarrkin miżżewġin Savery mar-rahan, għaliex f'dan il-każ huma ma kinux debituri tal-Bank u ma kienx hemm il-kundizzjonijiet maħsuba mil-liġi biex tista' ssir tpaċija;

21. Illi l-Qorti tqis li għandha tippuntwalizza li l-kont mirhun mill-atturi appellati kien tabilħaqq kont fiss li huma kellhom ma' waħda mill-fergħat tal-istess Bank. Jidher li l-qofol tal-kwestjoni ddur man-natura tar-rahan f'każ bħal dan – il-ħaġa mirhuna huwa l-kont jew il-fondi li jkun hemm fih? Kemm il-perit legali maħtur mill-Ewwel Qorti u kemm l-Ewwel Qorti nnifisha qiesu li r-rahan li l-atturi appellanti taw lill-Bank, kien rahan ta'

flus u mhux ta' kont bankarju speċifiku, u minħabba f'hekk sabet li l-fatt li l-Bank bidel il-kont mal-għeluq taż-żmien tal-Kont Fiss li fih kien hemm il-fondi meta l-appellanti taw ir-rahan, ma kienx iġib it-tmiem tal-kuntratt tar-rahan. L-atturi appellanti, kemm fis-sottomissjonijiet tagħhom miktuba u kif ukoll fl-eskussjoni mirquma li għamlu lill-perit legali, baqgħu jisħqu li r-rahan kien tal-Kont Bankarju għaliex hekk kien jgħid il-ftehim iffirmat. Il-Bank, fuq ix-xaqliba l-oħra, kien u baqa' jisħaq li r-rahan kien wieħed "irregolari" fuq il-mudell tal-istitut kif imħares fil-Kodiċi Ċivili Taljan u fuq il-prattika jew l-użanza bankarja jew li, fl-agħar ipoteżi, kien rahan ta' dejn kif maħsub fl-Artikolu 1968 tal-Kodiċi Ċivili tagħna;

22. Illi din il-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-atti tal-kawża, tasal għall-fehma li r-rahan mogħti lill-Bank kien tassew rahan ta' flus u, bħala rahan ta' ħaġa mobbli u funġibbli, kien jiswa u jorbot. Hija waslet għal din il-fehma għaliex ir-raġunijiet miġjuba mill-atturi appellanti (billi l-intimati l-oħrajn ma ressqux sottomissjonijiet f'dan ir-rigward), min-naħa tagħhom, u mill-Bank, min-naħa tiegħu, ma jidhirx li huma mwieżna mill-fatti rilevanti tan-negozju li sar bejn il-partijiet u lanqas mill-qafas ġuridiku li jgħodd għall-każ. Il-Qorti tqis li huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-partijiet qablu li r-rabta legali bejniethom f'dan il-każ tkun rabta kuntrattwali ta' rahan u mhux ta' xi kuntratt ieħor jixbhu bħalma hu d-depożitu. Din il-Qorti, għalhekk, tagħmel tagħha l-kunsiderazzjonijiet studjati li għamel il-perit legali maħtur mill-Ewwel Qorti dwar in-natura tar-

rahan mertu tal-kawża u tirreferi għalihom bla ma toqgħod terġa' ssemmihom waħda waħda[9];

23. Illi l-aggravju tal-Bank jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li sabet li ma kienx sewwa li l-Bank qabad u dawwar għalih il-flus mirhuna miegħu mill-appellanti bla ma qabel dar għall-proċedura maħsuba fl-Artikolu 1970 tal-Kodiċi Ċivili. Dik il-parti tas-sentenza kienet maħsuba tindirizza r-raba' talba attriċi li kienet titlob lill-Ewwel Qorti ssib li l-kuntratt ta' rahan kollu ma kienx jiswa għaliex sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1973 tal-Kodiċi Ċivili, ladarba l-ftehim ta' rahan kien fih klawsola kommissorja li tagħti lill-Bank il-jedd li jdawwar għalih ir-rahan fil-każ li d-debitur ewlieni (l-intimati Savery) jonqos li jħares il-ħlas tas-self magħmul lilu mill-Bank[10];

24. Illi l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talba msemmija safejn l-atturi appellanti riedu dikjarazzjoni li l-ftehim kollu ta' rahan ma kienx jiswa, imma laqgħetha biss safejn il-Bank naqas li jimxi ma' dak li jitlob l-Artikolu 1970 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata dwar dik ir-raba' talba, l-Ewwel Qorti ma tatx xi ordni jew xi provvediment ieħor dwar x'kellu jiġri ladarba l-Bank kien naqas li jimxi kif kien imissu jew dwar jekk il-Bank kellux irodd il-flus mirhuna li kien żamm għalih, sewwasew għaliex ir-raba' talba attriċi ma kienet titlob l-ebda provvediment jew ordni

[9] Ara §§ 4.6.6. sa 4.6.12 tar-Rapport Peritali f'paġ. 303 – 5 tal-proċess
[10] Ara Klawsola 3 tal-ftehim ta' Rahan (Dok "AVP1", f'paġ. 8 tal-proċess)

ieħor għajr id-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-ftehim kollu. Għalhekk, il-Qorti trid tqis dan l-ewwel aggravju tal-Bank biss mil-lenti tal-kwestjoni dwar jekk l-Ewwel Qorti qalitx sewwa li huwa kellu tabilfors isegwi l-proċedura maħsuba fl-imsemmi Artikolu 1970. Il-Qorti tirrileva wkoll li dik ir-raba' talba tressqet "sussidjarjament" għat-tliet talbiet ta' qabilha, liema talbiet l-Ewwel Qorti ma laqgħethomx;

25. Illi minn qari tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tagħna u mid-duttrina li ssawret matul is-snin dwar l-istitut tal-kuntratt tar-rahan, jidher ċar li r-raġuni għaliex il-liġi fasslet il-proċedura tal-bejgħ tal-ħaġa mirhuna f'każ li d-dejn ma jitħallasx tinbena fuq żewġ sisien ewlenin. L-ewwel wieħed huwa r-regola li min jirhan ħaġa (ikunx huwa nnifsu d-debitur jew persuna fl-interess tad-debitur, bħalma kienu l-atturi appellanti f'dan il-każ), jibqa' sidha sakemm ma tiġix lilu mneħħija l-proprjeta` tagħha[11]. It-tieni regola hija li l-liġi ma tridx li l-persuna li lilha jkun ingħata r-rahan tinqeda bin-nuqqas tal-persuna li tkun tat ir-rahan u minn rajha (ukoll jekk id-dejn ma jkunx tħallas) iżżomm b'tagħha l-ħaġa mirhuna. Dan jingħad għaliex, normalment, il-ħaġa mirhuna tkun ta' valur ogħla mid-dejn maħluq u, bin-nuqqas ta' ħlas tad-dejn, min ikollu r-rahan f'idejh jista' jistagħna bi ħsara tad-debitur għaliex ikun tħallas lura b'ħaġa li tiswa aktar minn kemm kien id-dejn. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1970 tal-Kodiċi Ċivili

[11] Art. 1974 tal-Kap 16

huma maħsuba biex ma jħallux lill-kreditur jisfrutta lid-debitur li jkun naqas li jħallas dejnu f'waqtu, billi jitħallas f'ammont li jkun jisboq id-dejn;

26. Illi l-klawsola rilevanti tal-kuntratt ta' rahan li sar bejn il-Bank u l-atturi appellanti kienet tgħid hekk: "*If the principal debtor or surety makes default in paying all or any part of the moneys due by him or for which he is liable to the Bank after demand by the Bank or fails to perform any of his obligations under these clauses the Bank may at any time without notice to the person by whom the pledged effects were made a security (hereinafter called 'the pledgor') as applicable either cause all the pledged securities or any of them to the (sic) sold and/or obtain repayment of the whole or part of the debt at the Bank's discretion by applying all or part of the balances held on his account and interest on the capital therein in accordance with the law at the time in force in the Maltese Islands*";

27. Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qieset li ma hemm l-ebda patt kommissorju fir-rahan u li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1973 huma ċari. Għalkemm għarfet li kien hemm xi ċirkostanzi fid-duttrina u fil-ġurisprudenza li sabu eċċezzjonijiet għal dik ir-regola, ma dehrilhiex li dawn kienu jgħoddu għall-każ. Madankollu, dwar ir-rahan mogħti lill-Bank mill-appellanti kkummentat li ladarba dan kien rahan ta' flus, kienet tqum id-domanda dwar x'preġudizzju setgħu jbatu l-atturi billi l-Bank

japproprja ruħu mis-somma mirhuna u "fejn l-ammont kien wieħed inekwivoku u mhux fluttwanti. .. .. Il-Bank ma jistax ibiegħ flus biex jerġa' jeħodhom". Fid-dawl ta' dan kollu, l-Ewwel Qorti dehrilha li l-Bank ma mexiex skont il-liġi u kien messu kiseb awtorizzazzjoni minn qorti biex iżomm il-flus mirhuna miegħu billi "jitlob lil Qorti bi proċedura kontenzjuża sabiex jiġi awtorizzat jiżbanka l-flus bi dritt skont il-kuntratt ta' rahan afdat minnu";

28. Illi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru qabel, il-Qorti ma taqbilx mal-Bank li l-każ tal-lum jista' jitqabbel ma' rahan ta' kreditu kif mifhum fl-Artikolu 1968 tal-Kodiċi Ċivili, billi r-rahan li tawh l-appellanti ma kienx kreditu li huma kellhom miegħu u lanqas kien jirrappreżenta xi dejn li ħaddieħor kellu magħhom. Taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti – u mal-perit legali li fuq il-fehmiet tiegħu hija qagħdet – li l-istitut tar-rahan "irregolari" li jisħaq fuqu l-Bank, sa issa ma jagħmilx parti mill-ordinament legali Malti u ma jistax jitħaddem f'dan il-każ. Il-Qorti tinnota wkoll li l-Ewwel Qorti lanqas ma qalet li l-Bank kien messu talab l-awtorizzazzjoni li jbigħ ir-rahan f'irkant taħt is-setgħa tal-qorti, kif jipprovdi l-Artikolu 1970(1) tal-Kodiċi Ċivili, iżda li kien messu mexxa kif indikat fil-paragrafu ta' qabel dan;

29. Illi, f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti u hija tal-fehma li fejn ir-rahan ikun ta' somma flus determinata, il-kreditur li lilu

jkun ingħata r-rahan ma għandux għalfejn jirrikorri għall-proċedura tal-irkant ġudizzjarju maħsub fl-Artikolu 1970 tal-Kodiċi Ċivili, malli sseħħ il-kundizzjoni fejn id-dejn li dwaru ngħata r-rahan ma jitħallasx. Jekk l-għan tal-liġi huwa dak li min ikun ingħata r-rahan ma jitħalliex jistagħna billi jżomm ħaġa mirhuna b'tiegħu bi ħsara għad-debitur u jkollu għalhekk jersaq quddiem qorti biex jitlob il-bejgħ ta' dik il-ħaġa taħt l-awtorita` tagħha u l-prezz tal-bejgħ iservi biex il-kreditur jitħallas id-dejn dovut lilu u xejn aktar, dan l-għan ma jservi għal xejn fejn ir-rahan ikun somma flus determinata li tkun valuta legali fiż-żmien li d-dejn ma jitħallasx. F'każ bħal dan, il-bejgħ b'irkant ta' flus kontanti ma jinftiehemx u lanqas jagħmel sens. Fil-fehma ta' din il-Qorti, sakemm il-kreditur li miegħu tkun tħalliet is-somma ta' flus mirhuna jżomm biss dak l-ammont li jikkorrispondi mad-dejn li dwaru ngħata r-rahan (u l-imgħaxijiet miġmugħa), ma jista' jinħoloq l-ebda preġudizzju għad-debitur li jkun ta r-rahan jew isir b'hekk xi sfruttament tal-qagħda tiegħu. Lanqas ma jiswa xejn li, f'każ bħal dan, wieħed jistenna li jittieħdu proċeduri ġudizzjarji taħt l-Artikolu 1970(1) tal-Kodiċi li kulma jservu hu li jżidu spejjeż oħrajn għad-debitur li jkun ta r-rahan;

30. Illi l-Qorti tqis ukoll li d-divjet imsemmi fl-Artikolu 1973 tal-Kodiċi Ċivili mhuwiex wieħed assolut u ssib li ċirkostanza bħal dik fil-każ li għandha quddiemha hija waħda mill-eċċezzjonijiet għal dik ir-regola. Fl-ewwel lok, f'każ ta' rahan ta' flus, in-nuqqas ta' ħlas tad-dejn prinċipali u

l-eżiġibilita` tiegħu jikkostitwixxu ċirkostanza fejn id-debitur li jkun ta r-rahan jitneħħa minn sid tal-ħaġa mirhuna kif irid l-Artikolu 1974 tal-istess Kodiċi u jagħtu lill-kreditur jedd ta' approprijazzjoni tal-ħaġa mirhuna sal-limitu maqbul mal-ħolqien tal-kuntratt tar-rahan. Fit-tieni lok, il-liġi nnifisha tindika li, fejn ir-rahan ikun ta' somma flus, mhux meħtieġ li titwettaq il-proċedura tal-bejgħ taħt l-Artikolu 1970 tal-Kodiċi[12]. Fit-tielet lok, minħabba li r-rahan ta' ħaġa mobbli jnissel kawża ta' privileġġ[13], iż-żamma tal-ħaġa mirhuna mill-kreditur tista' toħloq ukoll jedd ta' ritenzjoni ("*ius retentionis*") fil-kreditur li miegħu jitħalla r-rahan. Il-*jus retentionis* ġie mfisser bħala "*la facoltà attribuita al detentore di una cosa contro tutti, di ritenerla fino a quando gli sia stato completamente pagato il dovuto*"[14]. Il-liġi tagħna tagħti għarfien limitat f'dan ir-rigward[15]: madankollu torbot il-jedd taż-żamma tal-ħaġa mal-eżistenza ta' jedd mogħti mil-liġi. Fi kliem ieħor, mhux kull min jemmen li għandu xi jedd jitnissel favurih il-*ius retentionis*: tali jedd irid ikun mogħti lilu espressament mil-liġi. Dan għaliex id-dritt taż-żamma huwa meqjus bħala "*una forma di autotutela e di legittima difesa... consentito soltanto nei casi espressamente previsti, in cui il legislatore ha ritenuto, perchè ragioni speciali giustificavano la tutela del creditore, di derogare al principio che l'ordinamento giuridico non permette ai singoli di farsi giustizia da sè*"[16]. L-għarfien ta' dan il-jedd

---

[12] Ara, *a contrario sensu*, l-Art 1968(2) tal-Kap 16
[13] Artt. 1966(1) u 2009(a) tal-Kap 16
[14] Baudry-Lacantinerie et Tissier, <u>Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile</u>, Vol XXVI, §228, paġ. 316
[15] Art. 1997(1) tal-Kap 16
[16] Torrente, <u>Manuale di Diritto Privato</u> (9ª Ediz.), §284, paġ. 460

ukoll fejn jidħol ir-rahan ta' ħaġa mobbli sar ukoll minn din il-Qorti f'okkażjonijiet oħra[17];

31. Illi mill-provi mressqa f'dan il-każ jirriżulta li l-Bank inqeda bil-fondi mirhuna malli d-dejn ewlieni li dwaru ngħata r-rahan ma baqax jitħallas minn Savery. Il-Bank żamm minn dak ir-rahan kemm kien biżżejjed biex qata' d-dejn ewlieni u mgħaxijiet legali miġmugħa fuqu u radd lura l-eċċess lill-atturi appellanti. Ċirkostanza li toħroġ mill-provi u li l-Qorti tqisha rilevanti hi li kienu l-atturi appellanti nfushom li, mitluba mill-Bank kif riedu jiddisponu mill-flus żejda tal-kont mirhun, taw struzzjonijiet bil-miktub lill-istess Bank fil-11 ta' Awwissu 2009, biex jakkreditahom f'kont bankarju ieħor li huma kellhom[18]. Ħaġa bħal din toqrob ħafna għall-ftehim li jkun sar wara r-rahan bejn il-partijiet fil-kuntratt li jawtorizża lill-kreditur iżomm sal-limitu tal-ħlas il-ħaġa mirhuna miegħu u jrodd iż-żejjed;

32. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li dan l-ewwel aggravju huwa tajjeb u jixraq jintlaqa', għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk imressqa mill-Bank;

---

[17] Ara App. Ċiv. **28.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Ambrose Mackay et v. Citadel Insurance p.l.c.*** (każ dwar rahan ta' polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja)
[18] Ara Dok "HSBC SC1", f'paġ. 84 tal-proċess

33. Illi ladarba l-Qorti qiegħda ssib li l-ewwel aggravju huwa tajjeb, ma tarax li għandha għalfejn tqis it-tieni aggravju u lanqas it-tielet wieħed li l-Bank jiddikjara li huwa "marbut sfiq ma' ta' qablu";

34. Illi l-Qorti se tgħaddi biex issa tqis l-**appell inċidentali** tal-atturi għall-appell imressaq mill-Bank. Kif issemma aktar qabel[19], l-atturi nqdew bit-Tweġiba tagħhom għall-appell tal-Bank billi ddikjaraw li kienu qegħdin iressqu appell inċidentali mis-sentenza appellata. Dan għamluh billi fasslu dak l-appell inċidentali kelma b'kelma bħall-appell li huma kienu ressqu mis-sentenza appellata, u liema appell huma ċedew dakinhar li ressqu t-Tweġiba tagħhom għall-appell tal-Bank appellat;

35. Illi għalkemm il-Bank ma ressaq qatt tweġiba għall-appell tal-atturi u lanqas tweġiba għall-appell inċidentali, l-avukat difensur tiegħu issottometta li l-appell inċidentali tal-atturi ma jiswiex għaliex tressaq bi ksur ta' dak li jitlob l-Artikolu 240 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

36. Illi lil hinn mill-imsemmija sottomissjoni, il-Qorti jidhrilha li l-kwestjoni tar-ritwalita` tal-att imressaq mill-atturi seta' xorta waħda jitqajjem minnha *ex ufficio*. B'mod partikolari, dan qiegħed jingħad għaliex l-appell inċidentali tressaq wara li l-atturi ċedew bla ebda riżerva l-appell ewlieni li huma kienu ressqu mis-sentenza appellata. Bin-Nota

[19] §12 *supra*

ta' ċessjoni, l-appell tagħhom intemm. Il-Qorti tifhem li l-atturi nqdew b'dan l-istrataġemma proċedurali għaliex b'hekk ħasbu li jkunu jistgħu jżommu ħajjin l-aggravji li seta' kellhom mis-sentenza appellata, bla ma jkollhom għalfejn iħallsu l-kawtela stabbilita mir-Reġistratur[20]. Kemm hu hekk, għalkemm l-appell kien ilu mqiegħed għas-smigħ sa minn Marzu tal-2021 u l-atturi kienu saħansitra notifikati bl-Avviż tas-Smigħ u bl-Avviż tal-ħlas tal-kawtela sa minn Jannar tal-2022, sa dakinhar li ċedew l-appell tagħhom ma kinux ħallsu l-kawtela. Minbarra dan, fit-Tweġiba tagħhom għall-appell tal-Bank, jgħidu bla tlaqliq li huma kienu qegħdin "iċedu l-appell ippreżentat minnhom minħabba l-kawtela eżorbitanti maħruġa li mhijiex ġustifikata fid-dawl tat-taxxa uffiċjali";

37. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-appell inċidentali mressaq mill-atturi ma jiswiex u mhix se tqisu. Fl-ewwel lok, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-liġi tqis iċ-ċessjoni ta' atti fl-appell bħalma tqishom f'kull waqt ieħor tal-mixi ta' kawża[21] u li ċ-ċessjoni hija għażla tal-parti li tkun ressqet l-atti. Fit-tieni lok, ladarba l-atturi ċedew l-appell, dan ġab miegħu l-effett tad-deżerzjoni[22] flimkien, għalhekk, mal-effetti ta' ġudikat mis-sentenza appellata safejn kien jirrigwarda l-aggravji mqajmin fl-att ċedut. Dwar din il-ħaġa, il-Qorti tosserva li jista' jkun li l-appell tal-atturi kien effettivament mar deżert qabel ma l-atturi ċedewh minħabba li kienu naqsu li jħarsu dak

[20] Minħabba li, fir-rigward ta' appelli mressqin qabel id-dħul fis-seħħ tal-bidliet fil-liġi bl-Att XXXII tal-2021, ma kienx meħtieġ il-ħlas tal-garanzija minn min iressaq appell inċidentali.
[21] Art. 906 u 910 tal-Kap 12
[22] Art. 907(1) tal-Kap 12

li kienu jgħidu l-Artikoli 209(1) u 249 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kienu fis-seħħ fiż-żmien rilevanti. Fit-tielet lok, għalkemm huwa minnu li jitqies li min jirrinunzja għal att ma jitqiesx li jkun irrinunzja għall-jedd li jerġa' jressqu b'azzjoni oħra[23], dik il-ħaġa tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba jkun sar minn qabel il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża li tkun irrinunzjat għaliha[24] u tkun għadha fiż-żmien li terġa' tipproponiha. Mill-atti tal-appell, ma jirriżultax li l-atturi wettqu dak il-ħlas qabel ma ressqu l-appell inċidentali. Fir-raba' lok, u kif tajjeb irrileva l-avukat tal-Bank appellant, l-atturi ma setgħux jinqdew bil-proċedura tal-appell inċidentali mill-istess sentenza li dwarha huma kienu diġa` appellaw[25];

***Decide:***

38. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis** l-appell imressaq mill-atturi miżżewġin Vella Petroni ladarba ċedewh;

**Issib** li l-appell inċidentali mressaq mill-atturi Vella Petroni ma jiswiex u huwa rritwali u għalhekk ma tqisux;

---

[23] Art. 909 tal-Kap 12
[24] Art. 907(2) tal-Kap 12
[25] *Proviso* tal-Art. 240(1) tal-Kap 12

**Tilqa' l-appell** imressaq minn HSBC Bank Malta p.l.c. u qiegħda għalhekk **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi **tikkonfermaha** safejn ċaħdet l-ewwel tliet talbiet tal-atturi Vella Petroni u **tħassarha** safejn laqgħet f'parti r-raba' talba tagħhom, billi, minflok, tiċħad ukoll ir-raba' talba f'kollox; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr